KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Nru. 28.2016**

Data: Tlieta 23 ta' Awwissu 2016

Ħin: 19.30 p.m.

Post: Bini Amministrattiv tal-Kunsill

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Edwin Vassallo | Sindku |
| Is-Sur Ivan Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Alexander Muscat | Kunsillier |
| Is-Sur Keith Cassar | Kunsillier |
| Is- Sur James Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Gianluca Busuttil | Kunsillier |
| Dott Angele Rapa | Kunsillier |
| Is-Sur Mark Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Michael Mifsud | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati**

| | |
|---|---|
| Dott. Rachel Tua | Kunsillier |
| Dott. Karl John Tanti | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Pia Bonnici | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Gatt | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Sammut | Kunsillier |

**Aġenda:**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 27
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku
    - Rapport ta ħidma Settembru 2016 sa Awwissu 2017
    - Memorandum of Understanding HILA
    - Memorandum of Understanding GRTU
    - Memorandum of Understanding MCAST

4. Korrispondenza;
5. Ordnijiet tal-ġurnata
    - Onorefiċenza Ġieħ il-Mosta
    - Ħatra ta Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill
6. Approvazzjoni
    - Skeda ta pagamenti
    - Purchase Orders
    - Works Orders
    - Petty Cash
    - Quarterly Report – April – Ġunju 2016
7. Aġġornament.

Il-laqgħa bdiet 7.45 ta' filgħaxija.

**1. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 27**

Il-minuti tas-sebgħa u għoxrin (27) Laqgħa li saret nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju 2016 ġew approvati b'mod unanimament.

**2. Punti Mqajjma mill-Minuti**

**2.1 Minuta 2.2 - PAMA**

Is-Sindku nforma lill-membri li meeting mal-PAMA ser ssir Erbgħa 24 ta' Awwissu , sabiex tiġi diskussa il-proposta tax-xogħol li jiswa €450,000 hekk kif proġettat.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**2.2 Minuta 2.4- Case No 957-KLM T/04/2015 –Tender for the collection of mixed household –Public Contracts Review Board**

Id-Dipartiment tal-Kuntratti nforma lill-Kunsill sabiex issir mill-ġdid l-aġġudikazzjoni tat-tender ta skart minħabba li kull membru tal-bord irrid jiġġudikah individwali u wara jittieħ average tar-riżultat biex b'hekk ikun stabbilit lil min irrid jingħata dan it-tender.

**2.3 Minuta 3.2 - Triq Baskal Buhagiar**

Il-Kunsill ser jibgħat ittra lir-resident kemm ta triq Baskal Buhagiar kif ukoll ta' residenti fil-Pjazza u żona ta Santa Margerita sabiex b'hekk l-Kunsill jirċievi r-rispons mir-residenti.

**2.4 Minuta 3.7**

Is-Sindku tkellem fuq laqgħa ta konsultazzjoni pubblika li saret ma' Project Malta nhar 27 ta' Lulju 2016 fejn stqarr li għalkemm kien hemm nuqqas kbir mill-pubbliku il-laqgħa xorta waħda saret.

**2.5 Minuta 3.8**

Is-Sindku nforma lill-membri li rigward il-laqgħa li kellu mal-Ministru fuq il-proġett rigward il-bidla tat-traffiku fi triq il-Kungress Ewkaristiku u parti minn Triq il-Kbira. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi li minħabba li skond il-Ministru Joe Mizzi d-deċiżjoni dwar il-bidla ta' traffiku trid tistenna sakemm jitlesta l-proġett tal-Kappara ikun iffinalizzat, Is-Sindku ta is-suġeriment tiegħu sabiex issir alignment ġdid fuq roundabout ħdejn Kinds fi Triq Valletta, issir roundabout fi Triq Franġisku Pisani k/m Labour Avenue.

**3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**3. Rapport ta ħidma Settembru 2016 sa Awwissu 2017**

Is-Sindku nforma lill-membri li bħalissa l-kunsill qed jipprepara rapport ta ħidma Settembru 2016 sa Awwissu 2017. Il-Kunsillier Keith Cassar issuġerixxa u kkumenta li huwa importanti li l-Kunsilliera kollha jinvolvu ruħhom fid-dekasteri rispettivi tagħhom għaliex l-għajnuna tagħhom hija importanti għal ħidma f'isem ir-residenti u f'isem il-Kunsill. Huwa ppropona lis-Sindku li wasal iż-żmien sabiex isir tibdil fir-responsabbilita tad-dekasteri.

**4. Memorandum of Understanding HILA**

Is-Sindku nformalill membri dwar il Memorandum of Understanding tal-HILA . Huwa kompla jgħid li dan MOU mhux sa jiswa flus lill-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri li dan MOU . Għandhu jintbagħat lid-Direttur għall-

verifikazzjoni u wara irrid ikun hemm qbil bejn il-membri tal-istess dokument irrid jintbagħat lill-avukat sabiex jiġi evalwat minn naħa tiegħu.

**5. Memorandum of Understanding GRTU**

Is-Sindku nforma lill-membri dwar il Memorandum of Understanding mal-GRTU sabiex tiġi koordinata ħidma bejn il-GRTU u l-Kunsill favur il-promozzjoni tal-attivita illi bħalha prijorita għandha jkollha servizz u l-parteċipazzjoni lejn il-Kommunita Mostija filwaqt li tħares il-ħtiġijiet tan-negozju.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri li dan MOU . Għandhu jintbagħat lid-Direttur għall-verifikazzjoni u wara irrid ikun hemm qbil bejn il-membri tal-istess dokument irrid jintbagħat lill-avukat sabiex jiġi evalwat minn naħa tiegħu.

**6. Memorandum of Understanding MCAST**

Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-Memorandum of Understanding mal-MCAST fejn qed jgħid li l-Ġnien tal-Għarusa tal-Mosta, li qiegħed jiġi delineat fil-pjanti jaqa' fil-konfini tal-Lokal tal-Mosta. Il-partijiet qed jaqblu illi l-Mcast qed jingħata dan il-gnien taħt titolu ta' użufrutt u li ż-żamma, it-tindif, manutenzjoni u r-responsabilta' ta' l-amministrazzjoni ta' dan il-Ġnien qiegħed b'permezz ta' dan l-MoU jingħata fir-responsabbilta' tal-Kuratur.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri li dan MOU għandhu jintbagħat lid-Direttur għall-verifikazzjoni u wara irrid ikun hemm qbil bejn il-membri tal-istess dokument irrid jintbagħat lill-avukat sabiex jiġi evalwat minn naħa tiegħu.

**7. Case No 957-KLM T/04/2015 –Tender for the collection of mixed household –Public Contracts Review Board**

Id-Dipartiment tal-Kuntratti nforma lill-Kunsill sabiex issir mill-ġdid l-aġġudikazzjoni tat-tender ta skart minħabba li kull membru tal-bord irrid jiġġudikah individwali u wara jittieħ average tar-riżultat biex b'hekk ikun stabbilit lil min irrid jingħata dan it-tender.

**8. Case No 202/14 – Kaz Sur Marco Briffa**

Rigward dan il-każ il-Kunsill qabel li nikkomunikaw mal-avukat tal-Kunsill.

**9. New Lift Installation Agreement**

l-Kunsill qabel li għandha ssir l-installazzjoni mill- -Perit tal Kunsill mill-UIF Funds u għall-applikazzjoni tal-żvilupp.

**10. Funtani tal-Mosta**

Is-Sindku qara korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment tal-Infrastruutura u Xogħlijiet fejn infurmawna illi l-kuntratt ta manutenzjoni fuq il-funtani tal-pjazza tal Mosta issa kien skada u li mill-14 ta' Awwissu il-quddiem l-arranġamenti u l-manutenzjoni irrid issir kollu mill-Kunsill. Il-Kunsillier Alex Muscat ssuġerixxa qal li l-Kunsill għandu jitlob il-fondi għal dan il-manutenzjoni.

**11. Premises for Child Care Centre**

Is-Sindku qara korrispondenza li rċieva mingħand persuna li saqsiet jekk il-premises tal-Kunsill għandhux post fejn jista jikri biex jintuza bħal Chirl Care Centre.

Is-Sindku qal li fil-premises tal-Kunsill m'hemmx post fejn jista jsir Child Care Centre .

**12. Żokrija ta Mlit Gardens**

Is-Sindku wera il-pjanti lill-membri tal-Kunsill li qed ikunu proposti għal din l-area .

## 4 Korrispondenza

### 4.1 Korrispondenza Nru 1 – Talba għal żieda –Skala 13, Notch 2

L-Aġent Segretarju tal-Kunsill informa lill-membri tal-Kunsill li Sinjorina Liliana Borg qed titlob tieħu increment u titla fin-notch 2 fi skala 13. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

### 4.2 Korrispondenza Nru 2 – World Physiotherapy Day

Is-Sindku qara korrispodenza li l-Kunsill irċieva mingħand Sinjura Dimech fejn talbu li jużaw is-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li

għandha tinkiteb ittra fejn ninfurmawhom li l-Kunsill jista joffri sala fit-13 ta' Settembru 2016.

**4.3 Korrispondenza Nru 3 – Iktar Sigurta fit-Toroq**

Is-Sindku qara korrispondenza li l-kumpanija LESA bagħtet lill-Kunsill sabiex issru laqgħat immirati lejn iż-żgħażagħ u l-anzjani waqt ix-xhur tas-sajf fuq tema sigurta fit-toroq.

Il-kunsill qabel li għandha tinkiteb email fejn tinfurmahom biex din il-laqgħa issir fix-xahar ta Novembru peress li huwa xahar ddedikat fit-toroq.

**4.4 Korrispondenza Nru 4 – Agreement V& C Contractors/Philip Agius /Kunsill Lokali Mosta**

Is-Sindku ressaq id-draft tal-ftehim ma V& C Contractors/Philip Agius mal-Kunsill Lokali tal Mosta .

Il-Kunsill qabel mal-kontenut u għandhu jibgħat lil avukat tal Kunsill sabiex jiġi iffirmat dan il-ftehim.

**4.5 Korrispondenza Nru 5 – Letter from Ms Alberta Debattista – Resignation Letter from the position of a clerk.**

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-korrispondenza li rcieva mingħand skrivana Alberta Debattista fejn fl-ittra kitbet li ser ikollha tittermina l-impjieg tagħha minħabba raġunijiet personali.

**5 Ordnijiet tal-ġurnata**

**5.1 Onorefiċenza Ġieħ il-Mosta**

Is-Sindku nforma lill-Kunsillli irċieva 14 il-Nominazzjoni għal-Ġieħ il-Mosta u 5 Gieħ ir-Rikonnixmenti .

Is-Sindku nformalill-memebri li nominazzjonijiet għal eks Sindki Dr Paul Chetcuti Caruana u Dr. Shirley Farrugia għandhom jingħataw awtomatikament bħala apprezzament għax-xogħol li għamlu f'din il-lokalita.

Il-Viċi Sindku issekonda din il-proposta.

B'vot unanimu il-membri qablu favur din il-proposta. Wara li ġew evalwati in-nominazzjonijiet kollha għal-Ġieħ ittieħed vot . Analiżi tal-votazzjoni tinstab annessa bħala Anness 1.

Dawk kollha li kienu nominati għar-Rikonoxximent ingħataw kollha b'mod unanimu mill-membri tal-Kunsill.

**5.2 Ħatra ta Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill**

**5.1** Is-Sindku Edwin Vassallo stieden lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv iressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Kumitat tal-Għażla, fil-proċess ta' selezzjoni għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill. Huwa fisser li l-Kunsill kien irċieva dsatax-il applikazzjoni sad-data tal-għeluq.

Minn dawn l-applikazzjonijiet kien hemm 11 applikant li ma kienux eleġibbli minħabba li la kienu diġa Segretarji Eżekuttivi u lanqas persuni li kkwalifikaw bħala Segretarji Eżekuttivi prospettivi, u li huma fil-lista uffiċjali.

Il-Bord tal-Għażla ltaqa', skont kif hemm fil-linji gwida maħruġa mal-Memo 4/2012, u wara li ra l-applikazzjonijiet informa lill-kandidati bid-deċiżjoni tal-Bord, filwaqt li nhar it-Tnejn 1 ta' Awwissu l-Bord iltaqa' għall-*interview* mas-sitt kandidati eleġibbli peress li kien hemm żewġ kandidati li wieħed ma attendiex għall-intervista u l-applikant l-ieħor informa lis-Segretarju li ma baqgħax interessat.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport tal-Kumitat tal-Għażla dwar l-*interviews*, flimkien mar-rapport dwar il-proċess tas-selezzjoni, u r-rapport tal-Lista Pubblika tar-Riżultati. Huwa fisser li l-Bord tal-Għażla mexa fuq erba' kriterji fil-proċess tas-selezzjoni tal-kandidati fejn is-Sinjura Lorraine Templeman ġiet l-ewwel. Il-Bord tal-Għażla jinnota l-kapaċitajiet individwali tal-kandidati, u wasal għal dik id-deċiżjoni fuq il-merti u l-kapaċitajiet ta' kull kandidat.

Is-Sindku għalhekk ippropona li dan ir-rapport flimkien mad-dokumenti kollha tal-Bord tal-Għażla għall-approvazzjoni.

"Nipproponi li l-Kunsill jikkonsidra r-rakkomandazzjonijiet u japprova l-għażla tal-Bord jiġifieri li s-Sinjura Lorraine Templeman tinħatar Segretarju Eżekuttiv."

Il-Kunsillier Alex Muscat ssekonda. Il-Vot Favur kien unanimu.

**6.0 Approvazzjoni**

**Skeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**Purchase Orders**

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Works Orders**

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Petty Cash**

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

**Quarterly Report- April-Ġunju 2016**

L-accountant tal-Kunsill Is-Sur Daniel Galea spjega fid-dettal ir-rapport tat-tielet kwart bejn April u Ġunju 2016.

Il-membri qablu unanimament mar-rapport ippreżentat.

**7.0 Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar **il-Erbgħa 28 ta' Settembru 2016.**

Laqgħa spiċċat fl-għaxra ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Data: 28/09/2016

**Kunsill Lokali**
**Mosta**

## Votazzjoni Sigriet ta'Gieħ il-Mosta/ Gieħ ta' Rikonoxximent il-Mosta 2016

### Gieħ il-Mosta

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Dr Paul Chetcuti Caruana<br>Dr. Shirley Farrugia | Qbil unanimu | Eks Sindki |
| 2 | Carmelo Debono | 6 | Kultura |
| 3 | Sammy Calleja | 8 | Kultura |
| 4 | Stanley Mangion | 5 | Kultura/volontarjat |
| 5 | Louis Vassallo | 5 | Volontarjat |
| 6 | Charles Schembri | 8 | Volontarjat |
| 7 | Joe Sciberras | 8 | Volontarjat |
| 8 | Alfred Tonna | 6 | Volontarjat |
| 9 | Anna Mandez Cordeiro | 6 | Volontarjat |
| 10 | 31st Mosta Girl Guides | 8 | Għaqda ta' volontarjat |
| 11 | Maġistrat Joe Mifsud | 7 | Maġistrat |
| 12 | Father Joe Zerafa SJ | 6 | Saċerdot/Missjunarju |
| 13 | Kevin u Rita Vella | 8 | b'risq il-persuni b'diżabilita |

**Kunsill Lokali**
**Mosta**

# Votazzjoni Sigriet ta'Gieħ il-Mosta/ Gieħ ta' Rikonoxximent il-Mosta 2016

**Gieħ Rikonoxximent il-Mosta**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Simon Henwood | Volontarjat Fil-qasam Sportiv |
| 2 | Hilary W. Vella | Volontarjat fil-Qasam Edukattiv |
| 3 | Kunsilliera ta' L-Ewwel Leġislatura | Kunsilliera |
| 4 | Team tal-Futbol tal-Mosta FC (1973-1974) | Fil-Qasam Spotiv |
| 5 | Peppi Grech | Fil-Qasam Sportiv |